REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/25

tat-13 ta' Jannar 2020

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2) u (3) u l-Artikolu 38(d) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi li l-iskema ta' korpi ta' kontroll u awtoritajiet ta' kontroll rikonoxxuti mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, li jwettqu kontrolli u li joħorġu ċertifikati f'pajjiżi terzi għall-iskop ta' importazzjoni ta' prodotti b'garanziji ekwivalenti, se tiġi sostitwita minn skema ta' korpi ta' kontroll u awtoritajiet ta' kontroll rikonoxxuti mill-Kummissjoni għall-iskop ta' importazzjoni ta' prodotti konformi. L-iskema l-ġdida ta' importazzjoni prevista fir-Regolament (UE) 2018/848 se tapplika mill-1 ta' Jannar 2021. Sabiex jiġi żgurat li l-kapaċitajiet amministrattivi meħtieġa jkunu disponibbli biex ikun hemm rikonoxximent f'waqtu tal-korpi ta' kontroll u tal-awtoritajiet ta' kontroll taħt l-iskema l-ġdida, jixraq li tiġi introdotta data finali biex jintlaqgħu talbiet ġodda għar-rikonoxximent tal-korpi ta' kontroll u tal-awtoritajiet ta' kontroll għall-iskop ta' ekwivalenza skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 ([3]), u l-inklużjoni ta' tali korpi ta' kontroll u awtoritajiet ta' kontroll fil-lista stabbilita fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament. It-talbiet li jaslu wara dik id-data jenħtieġ li ma jibqgħux ikunu ammissibbli.

(2) Il-prodotti importati minn pajjiż terz jistgħu jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni bħala prodotti organiċi jekk ikunu koperti minn ċertifikat ta' spezzjoni maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti, mill-awtoritajiet ta' kontroll jew mill-korpi ta' kontroll ta' pajjiż terz rikonoxxut jew minn awtorità ta' kontroll rikonoxxuta jew minn korp ta' kontroll rikonoxxut. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 33(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, li jirrikjedi li jkun hemm iċ-ċertifikat ta' spezzjoni mal-oġġetti fi triqthom lejn il-bini tal-ewwel destinatarju, u bil-ħsieb li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-prodotti importati matul id-distribuzzjoni, inkluż it-trasport minn pajjiżi terzi, jenħtieġ li jiġi ċċarat li ċ-ċertifikat ta' spezzjoni għandu jinħareġ mill-awtorità ta' kontroll jew mill-korp ta' kontroll rilevanti fil-mument li l-kunsinna titlaq mill-pajjiż terz tal-esportazzjoni jew tal-oriġini.

(3) L-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi li s-sistemi tal-produzzjoni u l-miżuri tal-kontroll tagħhom għall-produzzjoni organika tal-prodotti agrikoli huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007.

(4) Il-Ġappun informa lill-Kummissjoni li l-awtorità kompetenti tiegħu żiedet il-korp ta' kontroll "Akatonbo" mal-lista ta' korpi ta' kontroll rikonoxxuti mill-Ġappun.

(5) Ir-Repubblika tal-Korea infurmat lill-Kummissjoni li l-awtorità kompetenti tagħha bidlet l-isem ta' "Neo environmentally-friendly" u l-isem u l-indirizz tal-Internet tal-"Association for Agricultural Products Quality Evaluation". Ir-Repubblika tal-Korea infurmat ukoll lill-Kummissjoni li r-rikonoxximent tal-korp ta' kontroll "Korea Agricultural Product and Food Certification" ġie rtirat.

([1]) ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 25).

(6) L-Istati Uniti infurmaw lill-Kummissjoni li l-awtorità kompetenti tagħha żiedet seba' korpi ta' kontroll mal-lista ta' korpi ta' kontroll rikonoxxuti mill-Istati Uniti għall-fini tal-ekwivalenza skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, speċifikament "CERES", "EcoLOGICA S.A", "Food Safety S.A.", "IBD Certifications", "Istituto per la Certificazione Etica e Ambientale (ICEA)", "OnMark" u "Perry Johnson Registrar Food Safety, Inc.". L-Istati Uniti talbet ukoll li "Global Culture", "Global Organic Certification Services", "Stellar Certification Services, Inc.", "Institute for Marketecology (IMO)", u "Basin and Range Organics (BARO)" jitneħħew mil-lista fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008.

(7) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jistabbilixxi l-lista tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll li għandhom il-kompetenza jwettqu kontrolli u joħorġu ċertifikati f'pajjiżi terzi għall-fini tal-ekwivalenza.

(8) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "A CERT European Organization for Certification S.A." sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji tal-prodotti A u D għall-Armenja, il-Ghana, il-Kosovo ([4]), il-Kuwajt, l-Oman, il-Perù, is-Sudan, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Użbekistan u l-Vjetnam.

(9) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Argencert SA", biex titneħħa mil-lista tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jitneħħa dak il-korp ta' kontroll minn dik il-lista.

(10) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand "Balkan Biocert Skopje" biex jiġi emendat l-istatus legali tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li l-isem ta' dak il-korp ta' kontroll jiġi sostitwit bi "Balkan Biocert Macedonia DOOEL Skopje".

(11) Il-Kummissjoni rċeviet talba minn "Başak Ekolojik Ürünler Kontrol ve Sertifikasyon Hizmetleri Tic. Ltd" biex jiġi emendat l-indirizz tiegħu.

(12) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand "Bioagricert S.r.l." biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż l-ambitu tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji tal-prodotti A, B, D u E għall-Paragwaj u l-Urugwaj, għall-kategoriji tal-prodotti A, B u D għall-Bolivja u s-Sri Lanka, għall-kategoriji tal-prodotti A, D u E għall-Kamerun, u għall-kategoriji tal-prodotti A u D għal Fiġi.

(13) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Biocert International Pvt Ltd" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Afganistan, il-Bangladesh, il-Bhutan, il-Myanmar/Burma, l-Eġittu, il-Malasja, Mauritius, in-Nepal, l-Oman, il-Pakistan, il-Filippini, it-Tanzanija, it-Tajlandja, l-Emirati Għarab Magħquda u l-Vjetnam għall-kategoriji ta' prodotti A u D; għall-Benin, l-Etjopja, il-Mozambique, in-Niġerja, il-Qatar, ir-Russja, is-Sudan, it-Togo, l-Uganda u l-Ukrajna għall-kategoriji tal-prodotti A, D u E; u lill-Georgia għall-kategoriji tal-prodotti D u E; kif ukoll li jiġi estiż ir-rikonoxximent tagħha għas-Sri Lanka għall-kategorija tal-prodotti E.

(14) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Bio.inspecta AG" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja għall-kategoriji tal-prodotti A, B, D, E u F; u li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Georgia, l-Iran, il-Każakistan, il-Kosovo ([5]), il-Moldova, ir-Russja, it-Taġikistan, l-Ukrajna, l-Użbekistan u l-Vjetnam għall-kategoriji ta' prodotti B, E u F; għall-Armenja, il-Libanu u t-Tanzanija għall-kategoriji tal-prodotti B u E; għall-Alġerija u l-Kirgiżistan għall-kategorija ta' prodotti B; għat-Turkija għall-kategoriji tal-prodotti E u F; u għall-Ażerbajġan għall-kategorija tal-prodotti E.

(15) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Bureau Veritas Certification France SAS" biex jiġu emendati l-indirizz tal-Internet u l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li hu ġġustifikat li tirtira r-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji tal-prodotti E għal Mauritius.

([4]) Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo

([5]) Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

(16) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand "CCPB Srl" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Burkina Faso, il-Kamerun, Comoros u Madagascar għall-kategoriji tal-prodotti A, C u D; u li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Kosta tal-Avorju għall-kategoriji tal-prodotti C u D.

(17) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "CERES Certification of Environmental Standards GmbH" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Istati Uniti għall-kategorija tal-prodotti C; u li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Emirati Għarab Magħquda għall-kategorija tal-prodotti A; għaċ-Ċilì għall-kategorija tal-prodotti C; u għall-Afrika t'Isfel għall-kategorija ta' prodotti F.

(18) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "DQS Polska sp. z o.o.", biex jiġi inkluż fil-lista tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi rikonoxxut li l-korp ta' kontroll għall-Bosnja-Ħerzegovina, iċ-Ċina u Madagascar għall-kategoriji tal-prodotti A, B u D.

(19) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand "Ecocert SA" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Emirati Għarab Magħquda, Kuba, il-Kuwajt u l-Malawi għall-kategorija tal-prodotti B; għas-Serbja u ż-Żimbabwe għall-kategorija tal-prodotti E; u għall-Moldova għall-kategorija tal-prodotti F.

(20) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand "FairCert Certification Services Pvt Ltd" biex tiġi inkluża fil-lista tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi rikonoxxut li l-korp ta' kontroll għall-Bhutan u n-Nepal għall-kategoriji tal-prodotti A, B, D u E, u għall-Indja għall-kategoriji tal-prodotti B, D u E.

(21) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand "IBD Certificações Ltda." biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Bolivja u l-Paragwaj għall-kategoriji tal-prodotti A u D, u għall-kategoriji tal-prodotti A u E għall-Mongolja.

(22) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Kiwa BCS Öko-Garantie GmbH" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għas-Seychelles għall-kategoriji tal-prodotti A u D; u għall-Istati Uniti għall-kategorija tal-prodotti C; kif ukoll li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Armenja, il-Georgia, it-Taġikistan, l-Użbekistan u ż-Żambja għall-kategorija tal-prodotti B; għall-Gwatemala għall-kategoriji tal-prodotti C u F; u għar-Repubblika Dominicana, l-Ekwador, il-Honduras, il-Paragwaj, il-Perù, is-Serbja u t-Turkija għall-kategorija ta' prodotti F.

(23) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Mayacert" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Panama u s-Sri Lanka għall-kategoriji tal-prodotti A u D.

(24) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "OneCert International PVT Ltd" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Eġittu, il-Ġordan, il-Malasja u l-Qatar għall-kategoriji tal-prodotti A u D; u li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Emirati Għarab Magħquda għall-kategorija tal-prodotti A; u għall-Etjopja, l-Indja, il-Mozambique, it-Tanzanija u l-Uganda għall-kategorija tal-prodotti E.

(25) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand "Organización Internacional Agropecuaria" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Kolombja għall-kategoriji tal-prodotti A u D; u li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għaċ-Ċilì u l-Urugwaj għall-kategorija tal-prodotti E, ħlief għal dawk il-prodotti li huma diġà koperti mill-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008.

(26) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand "Servicio de Certificación CAAE S.L.U" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Kolombja, ir-Repubblika Dominicana, El Salvador, il-Gwatemala, il-Honduras, in-Nikaragwa u l-Panama għall-kategoriji tal-prodotti A u D.

(27) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Suolo e Salute srl" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Eġittu għall-kategorija tal-prodotti D.

(28) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Tse-Xin Organic Certification Corporation" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għar-Repubblika tal-Korea għall-kategorija tal-prodotti A; għal Hong Kong u għal Singapore għall-kategorija tal-prodotti D, u għall-Kambodja, l-Indonežja, il-Laos, il-Malasja, il-Myanmar/Burma, il-Filippini, it-Tajlandja u l-Vjetnam għall-kategoriji ta' prodotti A u D.

(29) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand "Valsts SIA "Sertifikācijas un testēšanas centrs" biex jiġi emendat l-istatus legali tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li l-isem ta' dak il-korp ta' kontroll jiġi sostitwit bi "SIA Sertifikācijas un testēšanas centrs". Minbarra dan, il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand minn korp ta' kontroll biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Belarussja għall-kategoriji tal-prodotti B, D, E u F; u għall-Użbekistan għall-kategoriji tal-prodotti D, E u F; kif ukoll li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Każakistan, il-Moldova u t-Taġikistan għall-kategoriji ta' prodotti A, B, D, E u F; u għall-Kirgiżistan għall-kategoriji ta' prodotti A, B, D u E.

(30) Abbażi tad-dossier ippreżentat minn "Agricert - Certificação de Produtos Alimentares lda", il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha ġie estiż għall-Guinea għall-kategoriji tal-prodotti A u D bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/39 ([6]). Madankollu, f'dak id-dossier il-korp ta' kontroll talab b'mod żbaljat għall-estensjoni għall-Guinea minflok għall-Guinea-Bissau. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li tikkoreġi l-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 skont kif meħtieġ. Għaċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, din il-korrezzjoni jenħtieġ li tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/39.

(31) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jiġi emendat u kkoreġut skont kif meħtieġ.

(32) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1235/2008

Ir-Regolament (KE) Nru 1235/2008 hu emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk għandhiex tinkludi korp ta' kontroll jew awtorità ta' kontroll fil-lista pprovduta fl-Artikolu 10 malli tirċievi talba għall-inklużjoni minn rappreżentant tal-korp ta' kontroll jew tal-awtorità ta' kontroll ikkonċernati fuq il-bażi tal-mudell ta' applikazzjoni disponibbli mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(2). Għall-aġġornament tal-lista, għandhom jitqiesu biss dawk it-talbiet kompluti li jkunu ġew ippreżentati sat-30 ta' Ġunju 2020.";

(2) fl-Artikolu 13(2), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Iċ-ċertifikat ta' spezzjoni għandu jinħareġ mill-awtorità ta' kontroll jew mill-korp ta' kontroll rilevanti qabel ma l-kunsinna titlaq mill-pajjiż terz ta' esportazzjoni jew ta' oriġini. Iċ-ċertifikat għandu jkun approvat mill-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru, u għandu jimtela mill-ewwel destinatarju abbażi tal-mudell u tan-noti stabbiliti fl-Anness V u bl-użu tas-Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti veterinarji (TRACES) stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/24/KE (*).

(*) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/24/KE tat-30 ta' Diċembru 2002 li tirrigwarda l-iżvilupp ta' sistema veterinarja integrata u kompjuterizzata (ĠU L 8, 14.1.2003, p. 44).";

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/39 tal-10 ta' Jannar 2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 9, 11.1.2019, p. 106).

(3) l-Anness III huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(4) l-Anness IV huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Korrezzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa kkoreġut skont l-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 2 għandu japplika mill-31 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Jannar 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-entrata dwar il-Ġappun, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

"JP-BIO-038	Akatonbo	http://www.akatonbo.or.jp/"

(2) fl-entrata dwar ir-**Repubblika tal-Korea**, il-punt 5 huwa emendat kif ġej:

(a) ir-ringieli li jikkonċernaw in-numri tal-kodiċi KR-ORG-019 u KR-ORG-026 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"KR-ORG-019	Neo environmentally-friendly Certification Center	http://neoefcc.modoo.at
KR-ORG-026	Agricultural Products Quality Service	http://apqs.kr}"

(b) titħassar ir-ringiela tan-numru tal-kodiċi KR-ORG-001;

(3) fl-entrata dwar l-**Istati Uniti**, il-punt 5 huwa emendat kif ġej:

(a) jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

"US-ORG-62	CERES	http://www.ceres-cert.com/
US-ORG-63	EcoLOGICA S.A.	http://www.eco-logica.com/
US-ORG-64	Food Safety S.A.	http://www.foodsafety.com.ar/
US-ORG-65	IBD Certifications	http://www.ibd.com.br/
US-ORG-66	Istituto per la Certificazione Etica e Ambientale (ICEA)	http://www.icea.info/
US-ORG-67	OnMark	http://onmarkcertification.com/
US-ORG-68	Perry Johnson Registrar Food Safety, Inc.	http://www.pjrfsi.com/"

(b) ir-ringieli tan-numri tal-kodiċi US-ORG-12, US-ORG-14, US-ORG-54, US-ORG-60 u US-ORG-61 huma mħassra.

ANNESS II

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-entrata dwar "**A CERT European Organization for Certification S.A.**", fil-punt 3, jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin fl-ordni tan-numri tal-kodiċi:

"AE-BIO-171	L-Emirati Għarab Magħquda	x	-	-	x	-	-
AM-BIO-171	L-Armenja	x	-	-	x	-	-
GH-BIO-171	Il-Ghana	x	-	-	x	-	-
KW-BIO-171	Il-Kuwajt	x	-	-	x	-	-
OM-BIO-171	L-Oman	x	-	-	x	-	-
PE-BIO-171	Il-Perù	x	-	-	x	-	-
SD-BIO-171	Is-Sudan	x	-	-	x	-	-
UZ-BIO-171	L-Użbekistan	x	-	-	x	-	-
VN-BIO-171	Il-Vjetnam	x	-	-	x	-	-
XK-BIO-171	Il-Kosovo (*)	x	-	-	x	-	-

(*) Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo."

(2) titneħħa l-entrata dwar "**Argencert SA**";

(3) fl-entrata dwar "**Balkan Biocert Skopje",** l-isem tal-korp ta' kontroll huwa sostitwit bi "**Balkan Biocert Macedonia DOOEL Skopje**";

(4) fl-entrata dwar "**Başak Ekolojik Ürünler Kontrol ve Sertifikasyon Hizmetleri Tic. Ltd",** il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Indirizz: Çinarli Mahallesi Şehit Polis Fethi Sekin Cad. No:3/1006 Konak/İZMİR, Turkey";

(5) fl-entrata dwar "**Bioagricert S.r.l**.", fil-punt 3, jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin skont l-ordni tan-numri tal kodiċi:

"BO-BIO-132	Il-Bolivja	x	x	-	x	-	-
CM-BIO-132	Il-Kamerun	x	-	-	x	x	-
FJ-BIO-132	Fiġi	x	-	-	x	-	-
LK-BIO-132	Is-Sri Lanka	x	x	-	x	-	-
PY-BIO-132	Il-Paragwaj	x	x	-	x	x	-
UY-BIO-132	L-Urugwaj	x	x	-	x	x	-"

(6) fl-entrata dwar "**Biocert International Pvt Ltd**", il-punt 3 huwa emendat kif ġej:

(a) ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu fl-ordni tan-numru tal-kodiċi:

"AE-BIO-177	L-Emirati Għarab Magħquda	x	-	-	x	-	-
AF-BIO-177	L-Afganistan	x	-	-	x	-	-
BD-BIO-177	Il-Bangladesh	x	-	-	x	-	-
BJ-BIO-177	Il-Benin	x	-	-	x	x	-
BT-BIO-177	Il-Bhutan	x	-	-	x	-	-
EG-BIO-177	L-Eġittu	x	-	-	x	-	-

ET-BIO-177	L-Etjopja	x	-	-	x	x	-
GE-BIO-177	Il-Georgia	-	-	-	x	x	-
MM-BIO-177	Il-Myanmar/Burma	x	-	-	x	-	-
MU-BIO-177	Mauritius	x	-	-	x	-	-
MY-BIO-177	Il-Malasja	x	-	-	x	-	-
MZ-BIO-177	Il-Mozambique	x	-	-	x	x	-
NP-BIO-177	In-Nepal	x	-	-	x	-	-
NG-BIO-177	In-Niġerja	x	-	-	x	x	-
OM-BIO-177	L-Oman	x	-	-	x	-	-
PH-BIO-177	Il-Filippini	x	-	-	x	-	-
PK-BIO-177	Il-Pakistan	x	-	-	x	-	-
QA-BIO-177	Il-Qatar	x	-	-	x	x	-
RU-BIO-177	Ir-Russja	x	-	-	x	x	-
SD-BIO-177	Is-Sudan	x	-	-	x	x	-
TG-BIO-177	It-Togo	x	-	-	x	x	-
TH-BIO-177	It-Tajlandja	x	-	-	x	-	-
TZ-BIO-177	It-Tanzanija	x	-	-	x	-	-
UA-BIO-177	L-Ukrajna	x	-	-	x	x	-
UG-BIO-177	L-Uganda	x	-	-	x	x	-
VN-BIO-177	Il-Vjetnam	x	-	-	x	-	-”

(b) ir-ringiela dwar is-Sri Lanka hija sostitwita b’din li ġejja:

“LK-BIO-177	Is-Sri Lanka	x	-	-	x	x	-”

(7) fl-entrata dwar “**Bio.inspecta AG**”, il-punt 3 huwa emendat kif ġej:

(a) ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu fl-ordni tan-numru tal-kodiċi:

“ME-BIO-161	Il-Montenegro	x	x	—	x	x		x
MK-BIO-161	Il-Maċedonja ta’ Fuq	x	x	—	x	x		x
RS-BIO-161	Is-Serbja	x	x	—	x	x		x”

(b) ir-ringieli relatati mal-Albanija, l-Alġerija, l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Georgia, l-Iran, il-Każakistan, il-Kosovo, il-Kirgiżistan, il-Libanu, il-Moldova, ir-Russja, it-Taġikistan, it-Tanzanija, it-Turkija, l-Ukrajna, l-Użbekistan u l-Vjetnam huma sostitwiti b’dan li ġej:

“AL-BIO-161	L-Albanija	x	x	—	x	x	x
AM-BIO-161	L-Armenja	x	x	—	x	x	—
AZ-BIO-161	L-Ażerbajġan	x		—	x	x	—
BA-BIO-161	Il-Bożnija-Ħerzegovina	x	x	—	x	x	x

DZ-BIO-161	L-Alġerija	x	x	—	x	—	—
GE-BIO-161	Il-Georgia	x	x	—	x	x	x
IR-BIO-161	L-Iran	x	x	—	x	x	x
KG-BIO-161	Il-Kirgiżistan	x	x	—	x	—	—
KZ-BIO-161	Il-Każakistan	x	x	—	x	x	x
LB-BIO-161	Il-Libanu	x	x	—	x	x	—
MD-BIO-161	Il-Moldova	x	x	—	x	x	x
RU-BIO-161	Ir-Russja	x	x	—	x	x	x
TJ-BIO-161	It-Taġikistan	x	x	—	x	x	x
TR-BIO-161	It-Turkija	x	—	—	x	x	x
TZ-BIO-161	It-Tanzanija	x	x	—	x	x	—
UA-BIO-161	L-Ukrajna	x	x	—	x	x	x
UZ-BIO-161	L-Użbekistan	x	x	—	x	x	x
VN-BIO-161	Il-Vjetnam	x	x	—	x	x	x
XK-BIO-161	Il-Kosovo (*)	x	x	-	x	x	x

(*) Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo."

(8) l-entrata dwar "**Bureau Veritas Certification France SAS"** hija emendata kif ġej:

(a) fil-punt 2, l-indirizz tal-Internet huwa sostitwit b'dan li ġej:https://filiereagro.bureauveritas.fr}";

(b) fil-punt 3, ir-ringiela dwar Mauritius hija sostitwita b'din li ġejja:

"MU-BIO-165	Mauritius	x	—	—	x	—	—"

(9) fl-entrata dwar "**CCPB Srl**", il-punt 3 huwa emendat kif ġej:

(a) ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu fl-ordni tan-numru tal-kodiċi:

"BF-BIO-102	Il-Burkina Faso	x	-	x	x	-	-
CM-BIO-102	Il-Kamerun	x	-	x	x	-	-
KM-BIO-102	Comoros	x	-	x	x	-	-
MG-BIO-102	Madagascar	x	-	x	x	-	-"

(b) ir-ringiela dwar il-Kosta tal-Avorju hija sostitwita b'din li ġejja:

"CI-BIO-102	Il-Kosta tal-Avorju	x	-	x	x	-	-"

(10) fl-entrata dwar "**CERES Certification of Environmental Standards GmbH**", il-punt 3 huwa emendat kif ġej:

(a) tiddaħħal ir-ringiela li ġejja skont l-ordni tan-numri tal kodiċi:

"US-BIO-140	L-Istati Uniti	—	—	x	—	—	—"

(b) ir-ringieli dwar iċ-Ċilì, l-Afrika t'Isfel u l-Emirati Għarab Magħquda huma sostitwiti b'dan li ġej:

"AE-BIO-140	L-Emirati Għarab Magħquda	x	—	—	x	—	—
CL-BIO-140	Iċ-Ċilì	x	x	x	x	—	—
ZA-BIO-140	L-Afrika t'Isfel	x	x	—	x	—	x"

(11) wara l-entrata dwar "Control Union Certification", tiddaħħal l-entrata li ġejja:

""**DQS Polska sp. z o.o.**"

1. Indirizz: ul. Domaniewska 45, 02-672 Warszawa, Poland
2. Indirizz tal-Internet: www.dqs.pl
3. In-numri tal-kodiċi, il-pajjiżi terzi u l-kategoriji ta' prodott ikkonċernati:

Numru tal-kodiċi	Pajjiż terz	Kategorija ta' prodotti					
		A	B	C	D	E	F
BA-BIO-181	Il-Bożnija-Ħerzegovina	x	x	-	x	-	-
CN-BIO-181	Iċ-Ċina	x	x	-	x	-	-
MG-BIO-181	Madagascar	x	x	-	x	-	-

4. Eċċezzjonijiet: prodotti fil-fażi tal-konverżjoni u nbid
5. It-tul taż-żmien tal-inklużjoni: sat-30 ta' Ġunju 2021"

(12) fl-entrata dwar "**Ecocert SA**", fil-punt 3, ir-ringieli relatati ma' Kuba, il-Kuwajt, il-Malawi, il-Moldova, is-Serbja, l-Emirati Għarab Magħquda u ż-Żimbabwe huma sostitwiti b'dan li ġej:

"AE-BIO-154	L-Emirati Għarab Magħquda	x	x	—	x	x	—
CU-BIO-154	Kuba	x	x	—	x	x	—
KW-BIO-154	Il-Kuwajt	x	x	—	x	—	—
MD-BIO-154	Il-Moldova	x	x	—	x	—	x
MW-BIO-154	Il-Malawi	x	x	—	x	—	—
RS-BIO-154	Is-Serbja	x	x	—	x	x	x
ZW-BIO-154	Iż-Żimbabwe	x	x	—	x	x	x"

(13) wara l-entrata dwar "Ekoagros", tiddaħħal l-entrata l-ġdida li ġejja:

""**FairCert Certification Services Pvt Ltd**"

1. Indirizz: C 122, GAURIDHAM COLONY, 451001-KHARGONE, India
2. Indirizz tal-Internet: www.faircert.com
3. In-numri tal-kodiċi, il-pajjiżi terzi u l-kategoriji ta' prodott ikkonċernati:

Numru tal-kodiċi	Pajjiż terz	Kategorija ta' prodotti					
		A	B	C	D	E	F
BT-BIO-180	Il-Bhutan	x	x	-	x	x	-
IN-BIO-180	L-Indja	-	x	-	x	x	-
NP-BIO-180	In-Nepal	x	x	-	x	x	-

4. Eċċezzjonijiet: prodotti fil-fażi tal-konverżjoni u nbid

5. It-tul taż-żmien tal-inklużjoni: sat-30 ta' Ġunju 2021"

(14) fl-entrata għal "**IBD Certificações Ltda**.", fil-punt 3 jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin skont l-ordni tan-numri tal kodiċi:

"BO-BIO-122	Il-Bolivja	x	-	-	x	-	-
MN-BIO-122	Il-Mongolja	x	-	-	-	x	-
PY-BIO-122	Il-Paragwaj	x	-	-	x	-	-"

(15) fl-entrata dwar "**Kiwa BCS Öko-Garantie GmbH**", il-punt 3 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin fl-ordni tan-numri tal-kodiċi:

"SC-BIO-141	Is-Seychelles	x	—	—	x	—	—
US-BIO-141	L-Istati Uniti	—	—	x	—	—	—"

(b) ir-ringieli dwar l-Armenja, ir-Repubblika Dominikana, l-Ekwador, il-Georgia, il-Gwatemala, il-Honduras, il-Paragwaj, il-Perù, is-Serbja, it-Taġikistan, it-Turkija, l-Użbekistan u ż-Żambja jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"AM-BIO-141	L-Armenja	x	x	—	x	—	—
DO-BIO-141	Ir-Repubblika Dominicana	x	—	—	x	—	x
EC-BIO-141	L-Ekwador	x	x	x	x	x	x
GE-BIO-141	Il-Georgia	x	x	—	x	x	—
GT-BIO-141	Il-Gwatemala	x	x	x	x	x	x
HN-BIO-141	Il-Honduras	x	—	—	x	x	x
PE-BIO-141	Il-Perù	x	x	—	x	x	x
PY-BIO-141	Il-Paragwaj	x	x	—	x	x	x
RS-BIO-141	Is-Serbja	x	—	—	x	—	x
TJ-BIO-141	It-Taġikistan	x	x	—	x	—	—
TR-BIO-141	It-Turkija	x	x	—	x	x	x
UZ-BIO-141	L-Użbekistan	x	x	—	x	—	—
ZM-BIO-141	Iż-Żambja	x	x	—	x	—	—"

(16) fl-entrata dwar "**Mayacert**", fil-punt 3, jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin fl-ordni tan-numri tal-kodiċi:

"LK-BIO-169	Is-Sri Lanka	x	-	-	x	-	-
PA-BIO-169	Il-Panama	x	-	-	x	-	-"

(17) fl-entrata dwar "**OneCert International PVT Ltd**", il-punt 3 huwa emendat kif ġej:

(a) ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu fl-ordni tan-numru tal-kodiċi:

"EG-BIO-152	L-Eġittu	x	-	-	x	-	-
JO-BIO-152	Il-Ġordan	x	-	-	x	-	-

MY-BIO-152	Il-Malasja	x	-	-	x	-	-
QA-BIO-152	Il-Qatar	x	-	-	x	-	-”

(b) ir-ringieli dwar l-Emirati Għarab Magħquda, l-Etjopja, l-Indja, il-Mozambique, it-Tanzanija u l-Uganda jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

“AE-BIO-152	L-Emirati Għarab Magħquda	x	-	-	x	-	-
ET-BIO-152	L-Etjopja	x	-	-	x	x	-
IN-BIO-152	L-Indja	-	-	-	x	x	-
MZ-BIO-152	Il-Mozambique	x	-	-	x	x	-
TZ-BIO-152	It-Tanzanija	x	-	-	x	x	-
UG-BIO-152	L-Uganda	x	-	-	x	x	-”

(18) fl-entrata dwar “**Organización International Agropecuaria**”, il-punt 3 huwa emendat kif ġej:

(a) tiddaħħal ir-ringiela li ġejja skont l-ordni tan-numri tal kodiċi:

“CO-BIO-110	Il-Kolombja	x	-	-	x	-	-”

(b) ir-ringiela dwar iċ-Ċilì u l-Urugwaj hija sostitwita b'dan li ġej:

“CL-BIO-110	Iċ-Ċilì	x	-	x	x	x	-
UY-BIO-110	L-Urugwaj	x	x	x	x	x	-”

(19) fl-entrata dwar “**Servicio de Certificación CAAE S.L.U**”, fil-punt 3, jiddaħħlu l-entrati li ġejjin skont l-ordni tan-numri tal kodiċi:

“CO-BIO-178	Il-Kolombja	x	-	-	x	-	-
DO-BIO-178	Ir-Repubblika Dominicana	x	-	-	x	-	-
GT-BIO-178	Il-Gwatemala	x	-	-	x	-	-
HN-BIO-178	Il-Honduras	x	-	-	x	-	-
NI-BIO-178	In-Nikaragwa	x	-	-	x	-	-
PA-BIO-178	Il-Panama	x	-	-	x	-	-
SV-BIO-178	El Salvador	x	-	-	x	-	-”

(20) fl-entrata dwar “**Suolo e Salute srl**”, fil-punt 3, ir-ringiela dwar l-Eġittu hija sostitwita b'dan li ġej:

“EG-BIO-150	L-Eġittu	x	-	-	x	-	-”

(21) fl-entrata dwar “**Tse-Xin Organic Certification Corporation**”, fil-punt 3, ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu fl-ordni tan-numri tal-kodiċi:

“HK-BIO-174	Hong Kong	-	-	-	x	-	-
ID-BIO-174	L-Indoneżja	x	-	-	x	-	-
“KH-BIO-174	Il-Kambodja	x	-	-	x	-	-

KR-BIO-174	Ir-Repubblika tal-Korea	x	-	-	-	-	-
LA-BIO-174	Il-Laos	x	-	-	x	-	-
MM-BIO-174	Il-Myanmar/Burma	x	-	-	x	-	-
MY-BIO-174	Il-Malasja	x	-	-	x	-	-
PH-BIO-174	Il-Filippini	x	-	-	x	-	-
SG-BIO-174	Singapore	-	-	-	x	-	-
TH-BIO-174	It-Tajlandja	x	-	-	x	-	-
VN-BIO-174	Il-Vjetnam	x	-	-	x	-	-”

(22) l-entrata dwar “**Valsts SIA ‘Sertifikācijas un testēšanas centrs’**” hija emendata kif ġej:

(a) l-isem tal-korp ta’ kontroll huwa sostitwit bi “**SIA ‘Sertifikācijas un testēšanas centrs’**”;

(b) il-punt 3 huwa emendat kif ġej:

(i) ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu fl-ordni tan-numru tal-kodiċi:

“KG-BIO-173	Il-Kirgiżistan	x	x	—	x	x	—
KZ-BIO-173	Il-Każakistan	x	x	—	x	x	x
MD-BIO-173	Il-Moldova	x	x	—	x	x	x
TJ-BIO-173	It-Taġikistan	x	x	—	x	x	x”

(ii) ir-ringieli dwar il-Belarussja u l-Użbekistan huma sostitwiti b’dan li ġej:

“BY-BIO-173	Il-Belarussja	x	x	—	x	x	x
UZ-BIO-173	L-Użbekistan	x	x	—	x	x	x”

ANNESS III

Fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008, fl-entrata dwar "**Agricert - Certificação de Produtos Alimentares lda**", fil-punt 3, ir-ringiela marbuta mal-Guinea hija sostitwita b'dan li ġej:

"GW-BIO-172	Il-Guinea-Bissau	x	—	—	x	—	—"